MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1077/2008

**Mekanika Ltd (C3238)**
**vs**
**Silvio Busuttil (ID card no. 33754(M)**
**bhala likwidatur ta’ Alfavil Construction Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-societa l-konvenuta hija debitrici tas-societa attrici fl-ammont ta’ Euro rappresentanti l-ammont dovut mill-konvenuta Euro 39,901.87 (disa u tlettin elf, disa mija u wiehed euro u seba u tmenin centezmi) rappresentanti ammont dovut lis-societa rikorrenti wara xoghol u servizzi inkluz “lift installation” u “contracting works” provdut minn Mekanika Ltd skond ftehim.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut l-konvenuti ma hallsux l-ammont dovut

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut s-societa konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'jtaghtui kontra t-talba sa fejn jaf l-esponent

L-esponent jaf dawn il-fatti personalment minn ezami tad-dokumenti.

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.
2. tikkundanna lis-societa konvenuta li thallas lis-societa rikorrenti Euro 39,901.87 (disa u tlettin elf, disa mija u wiehed euro u seba u tmenin centezmi) rappresentanti ammont dovut wara xoghol u servizzi inkluz "lift installation" u "contracting works" provdut minn Mekanika Ltd skond ftehim.

Bl-ispejjes ikluzi dawk ta zewg ittri ufficjali datat 22 ta' Awissu 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-intimata u bl-imghax legali kontra l-intimata li hi minn issa ngjunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil Michael Borg Costanzi, ghas-socjeta' attrici, jiddikjara illi l-konvenut baqa' ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-

kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' Euro 39,901.87 (disa u tletin elf, disa mija u wiehed euro u seba u tmenin centezmi) rappresentanti ammont dovut wara xoghol u servizzi inkluz “lift installation” u “contracting works” provdut minn Mekanika Ltd skond ftehim; bl-imghax legali kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------